MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 2030/1999/1

**General Ecological Services Co. Ltd**

**vs**

**Espedito u Carmen konjugi Briffa**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi il- konvenuti ghandhom jaghtu lis- socjeta' attrici is-somma ta' elf, hames mija u tletin lira maltin u sitt centezmi (Lm1530.06) bilanc ta' somma akbar, skond il-prospett (Dok.B) prezz ta' xoghol ta' servizz ta' tbattil ta' fosos fil-Bahrija, rez a beneficcju tal- konvenuti, skond ftehim li kien hemm bejnithom, liema dejn hu cert, likwidu u skadut;

Illi fil-fehma tas-socjeta’ attrici il-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont mitlub u ghalhekk din il-Qorti tista’ tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smigh tal-kawza, ghat-tenur tal-art 167 tal-Kap.12 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Talab ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m’ghandiex din il-Qorti: -

1. Tiddeciedi skond it-talba bid- dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat- tenur tal- art 167 tal- Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u

2. Ghaliex il-konvenuti m’ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elf, hames mija u tletin lira maltin u sitt centezmi (Lm1530.06) flimkien mall-imghax legali mid-data tac-citazzjoni, bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ xoghol ta’ tbattil ta’ fosos fil-Bahrija, kif fuq intqal skond ftehim bejn il- kontendenti;

Bl- ispejjez komprizi Lm5.75 tal-ittra legali tat-30 ta’ Lulju 1999 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat l-affidavit ta’ Saviour Schembri

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-ebda ammont ta’ flus mhu dovut lis-socjeta’ attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici;

Semghet ix-xhud prodott mill-konvebnuti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tas-socjeta attrici;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' elf hames mija u tletin lira maltin u sitt centezmi (Lm1530.06) bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' servizz ta' tbattil ta' fosos fil-Bahrija, rez a beneficcju tal-konvenuti u dana skond ftehim esistenti bejn il-partijiet. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenuti jigi kundannati jhallsu l-imsemmija somma;

Da parti taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li l-ebda ammont ta' flus mhu dovut lis-socjeta' attrici;

Jirrizulta li l-konvenuti u s-socjeta attrici kieneu jahdmu bi shab u kienu jiehdu l-kuntratti ghar-rigward tat-tbattil tal-fosos. Ix-xoghol mertu ta' din il-kawza kien jirrigwardja l-arja tan-North u is-socjeta attrici kellha taghmel ix-xoghol tal-Bahrija. It-tender in kwestjoni kien hada l-konvenut Briffa u bi ftehim kellha tinhadem bejn tlieta cioe s-socjeta attrici, il-konvenut u certu Joseph Ghigo. It-tender kienet tiswa Lm90 kulljum u ghalhekk il-ftehim kien li kull wiehed kien ser jiehu Lm30 kulljum. Il-kuntratt kellu jibqa fis-sehh ghall-tlett (3) xhur pero in effett gie imgedded ghall-hames (5) xhur sakhemm gie aggudikat tender iehor;

Direttur tas-socjeta attrici kkonferma li s-socjeta attrici thallset biss ghax-xoghol li ghamlet f'xahar wiehed biss u ma thallsitx ghall-kumplament. L-istess direttur jikkonferma li s-socjeta attrici hadmet mit-23 ta' Awissu 1998 sal 21 ta' Dicembru l998, cioe' 121 gurnata. Huwa ikkonferma li fil-21 ta' Dicembru l998 il-konvenut minghajr ebda raguni valida waqqaf lis-socjeta attrici milli tkompli taghmel dan ix-xoghol. Il-pretensjonijiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni jirreferu ghall-imsemmi periodu li fih hadmet is-socjeta attrici u jinkludu ukoll ammonti ta' Lm1199.94 li s-socjeta attrici kellha tghati lill-konvenuti ghar-rigward ta' xoghol iehor precedenti. Is-socjeta attrici taccetta li l-konvenut kien hallas Lm900 fl-10 ta' Dicembru

l998 u tammetti ukoll li l-konvenut kien jilmenta li s-socjeta attrici ma kinitx qed tghamel ix-xoghol in kwestjoni. Is-socjeta attrici pero’ tichad li dan kien minnu;

Da parti tieghu l-konvenut jghid li s-socjeta attrici thallset ghax-xoghol li ghamlet. Huwa jghid li kellu ilmenti dwar ix-xoghol li kienet qed taghmel is-socjeta attrici u ghalhekk huwa ddecieda li jaghmel ix-xoghol hu. Sussegwentement, pero’, rega ta x-xoghol lis-socjeta attrici. Il-konvenut ikkonferma li s-socjeta' attrici hadmet mill-24 ta' Awissu sat-30 ta' Ottubru, 1998. Fl-1 ta' Dicembru, 1998 rega ta x-xogol is-socjeta attrici pero’ biss sat-18 ta' Dicembru, 1998. Il-konvenut jghid li hi s-socjeta' attrici li ghandha taghti. Huwa kkonferma li s-socjeta attrici ghal dan ix-xoghol kellha tiehu Lm1740 li minnhom thallset Lm900. Fadal bilanc ta' Lm840, pero’ s-socjeta' attrici kella tghati Lm1380 fuq xoghol iehor. Ghalhekk il-konvenut jippretendi li ghad ghandu jiehu Lm540;

Id-differenzi li hemm bejn il-partijiet huma s-segwenti:-

(a) Is-socjeta attrici tghid li hadmet 121 gurnata u tippretendi li dan ix-xoghol jiswa Lm3630. Il-konvenuti jghidu li s-socjeta attrici hadmet inqas u jippretendu li x-xoghol li ghamlet l-istess socjeta attrici kien jiswa Lm1740;

(b) Il-partijiet jaqblu li l-konvenuti hallsu akkont ta’ Lm900;

(c) Is-socjeta attrici tippretendi li ghandha tghati lill-konvenuti ta’ xoghol iehor precedenti s-somma ta’ Lm1199.94 filwaqt li l-konvenuti jghidu li ghall-istess xoghol huma ghad ghandhom jiehdu Lm1380;

Jirrizultaw certi fatti li sostanzjalment jikkonfermaw il-verzjoni tas-socjeta attrici. Impjegata tas-socjeta attrici kkonfermat li s-socjeta attrici hadmet ix-xoghol in kwestjoni mit-23 ta' Awissu 1998 sal-21 ta' Dicembru 1998. Impjegat tas-socjeta attrici kkonferma li dam jghamel ix-xoghol in kwestjoni ghal zmien pjuttost twil. Impjegat iehor tas-socjeta attrici kkonferma li dan ix-xoghol dam sejjer minn Awissu sa Dicembru ta' l-1998;

Inoltre jirrizulta li s-socjeta attrici kienet ghamlet ftehim mat-tielet socju cioe’ Joseph Ghigo li dan tal-ahhar kellu ihallas Lm3 kull jum kemm is-socjeta attrici damet taghamel ix-xoghol taghha gewwa l-Bahrija. In effett jirrizulta li dan Joseph Ghigo hallas lis-socjeta attrici ghall 121 gurnata u cioe’ kemm is-socjeta attrici damet tahdem ix-xoghol in kwestjoni;

In vista tal-premess l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghanmdhom jigu rigettati u konsegwentement it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elf, hames mija u tletin lira maltin u sitt centezmi (Lm1530.06) bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ xoghol ta’ tbattil ta’ fosos fil-Bahrija u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lill-konvenuti sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------